# Il-Ħuttafa

numru 117

Lulju - Awwissu 2013




BirdLife MALTA

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf



Victor Falzon

Budakkra Rasha Sewda
Red-black Triplefin



# Ħbieb Ħuttaf !

editorjal

Fil-librerija tiegħi għandi mijiet ta' kotba fuq in-natura, imma 'qas kieku ngħix 200 sena mhu ħa nsib il-ħin naqrahom kollha! Imma xorta nibqa' nixtri l-ġodda, għax il-kotba fihom tant u tant x'titgħallem.

Imma mhux mill-kotba biss nitgħallmu. Nitgħallmu wkoll minn dak li naraw madwarna, speċjalment fin-natura.

Fil-paġni tal-aħbarijiet spiss naqraw fuq annimali u pjanti ġodda li jinstabu madwar id-dinja, anke f'Malta. Dawn is-sejbiet eċitanti jsiru mhux minn nies bilqiegħda bi ktieb f'idejhom. Dawn l-iskoperti jsiru minn nies li joħorġu - kif jgħidu bl-Ingliż - *in the field*. Mingħajr dawn in-nies ħafna mit-tagħrif li għandna kieku għadna ma nafuhx - u jkolli ħafna inqas kotba fil-librerija!

Però biex nosservaw u nitgħallmu min-natura mhux bilfors immorru fil-ġungla qisna Indiana Jones! Biżżejjed passiġġata fil-kampanja jew dawra fil-ġardina. L-importanti nżommu għajnejna miftuħin u nosservaw bil-paċenzja. S'intendi l-annimali u l-pjanti li ħa naraw madwarna probabbli mhux ħa jkunu ġodda għax-xjenza, imma forsi jkunu ġodda għalina, u għalhekk xorta eċitanti.



Fis-~~Daż-żmien~~ inkunu ħafna f'xatt il-baħar, u anke hemmhekk hemm ħafna natura x'nosservaw. B'maskla tal-għawn u pajp nistgħu nittawlu taħt wiċċ il-baħar, u f'ilma baxx li jasallek sa fuq irkubbtejk tista' f'temp ta' ħames minuti tara 20 speċi jew iktar ta' flora u fawna, speċjalment jekk hemm xi blat li fuqu jikbru l-algi.

~~Komplu gawdu s-sajf ħbieb, imma tantx toqogħdu fix-xemx.~~

Victor

**Victor Falzon** l-Editur



Victor Falzon

## mal-faċċata



Il-**bilbla** (short-toed lark) hija waħda mill-għasafar li jbejtu f'pajjiżna. Dari kienet komuni u mifruxa mal-kampanja Maltija, imma llum naqset ħafna u f'Għawdex biss għadek tara ftit numri sew. X'ħasra tkun jekk jiġi żmien li ma nibqgħux nisimgħu l-bilbla tbelbel!

Ritratt ta' Joe Sultana

## il-Kontenut


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-Dinja | 4 |
| X'nista' Nara Tgħid? | 5 |
| Il-Lista l-Ħamra | 5 |
| Attività | 6 |
| Avviżi | 6 |
| Intervista ma' Fjura | 6 |
| Jistiraw u jitmattru | 7 |
| Arti u Ritratti | 8 |
| Paġna Falko | 9 |
| Ir-Ramla l-Ħamra | 10 |


## il-Kumitati


### Ċentrali

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Victor Falzon

### Falko

Martin Austad (kap) • Anne Marie Austad • Nicholas Galea • Timothy Micallef


## il-Klabb

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xahrejn noħorġu wkoll il-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

## il-Kuntatt


indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


Reg.Vol.Org. VO/0052

©BirdLife Malta, Awwissu 2013

Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop



Aron Tanti

# Iż-żgħar kibru sew...

Is-seba' flieles tal-Fras-servjent li faqqsu l-Għadira f'Ġunju li għadda issa kibru sew. Tgħallmu mhux biss isibu l-ikel weħidhom imma kif taraw minn dar-ritratt riċenti issa tgħallmu wkoll itiru. Ftit żmien ieħor ikunu lesti biex ipassu lejn l-Afrika flimkien mal-ġenituri tagħhom.

Erbgħa mis-seba' frieħ tal-Fras-servjenti qed jittestjaw il-magni! B'dawk il-ġwienaħ ġodda ftit ieħor iridu jaqsmu 350km baħar u 2000km deżert.



Raymond Galea

# Il-bilbluni reġgħu bejtu.

Bilblun żagħżugħ minn ta' din is-sena




Il-**bilblun** (tawny pipit) huwa għasfur li beda jbejjet f'pajjiżna f'dawn l-aħħar snin.

Għalkemm jismu bilblun, dan huwa fil-fatt tip ta' pespus (*pipit*) u mhux bilbla (*lark*). Huwa għasfur żgħir tal-beraħ u x-xagħri, u jitfaċċa kull sena fil-pases. Imma jidher li qed jibda jbejjet ukoll.

L-ewwel bejta nstabet fl-1993 minn xi nies tal-BirdLife. Imbagħad - wara kważi 20 sena - reġgħu nstabu bejtiet u frieħ fis-sajf tal-2011, fil-park tal-Majjistral. Is-sena l-oħra (2012) bejtu wkoll, probabbli iktar minn par wieħed.

U issa, ftit ġranet ilu, u mill-ġdid fil-Majjistral, sħabna Ray u Nick Galea raw familja bilbluni b'żewġt ifrieħ li diġà tgħallmu jtiru.




Aron Tanti

# Ġerħa kerha li ma tridx tfiq...

Dan ritratt mill-ajru tal-Armier, L-Armier iż-Żgħir (Little Armier) u l-inħawi tat-Torri l-Abjad. Il-bini li jidher fir-ritratt huwa **kważi kollu kontra l-liġi!** Kontra l-liġi għax mibni bla permess fuq art publika. Jiġifieri kull min bena hemmhekk seraq biċċa art li suppost hija ta' kulħadd. X'wiċċ tost għandhom xi nies! Minbarra l-qerda totali tal-ambjent naturali li nbnew fuqu, dawn il-kmamar għamlu wkoll ħsara kbira lil xi swar baxxi minn ta' żmien il-Kavallieri. Ftit ġimgħat ilu smajna li l-qorti ordnat xi nies biex jinqalgħu minn hemm. Kulħadd feraħ bl-aħbar (ovvjament ħlief min għandu l-kmamar hemm!). Imma mbagħad ma smajna xejn iktar...

X'għandna mid-dinja?



## Ħafna riħ

Sa l-aħħar ta' dis-sena fid-**dinja** ħa jkun hawn biżżejjed turbini tar-riħ biex jiġġeneraw 300 gigawatts ta' enerġija. Jiġifieri daqs kemm kieku jipproduċu 114 pawer stejxin nukleari! U kollox mir-riħ. Fuq quddiem nett fl-użu tal-enerġija mir-riħ hemm l-Ewropa, b'iktar minn terz ta' dan it-total. Cool hux!






## Qabdu l-killers

Fiċ-**Chad** arrestaw wieħed minn grupp kaċċaturi li bejniethom qatlu kważi 200 iljunfant (u ħames rejnġers!) f'inqas minn sena. Il-qtil tal-iljunfanti biex jisirqulhom in-nejbiet żdied ħafna f'dawn l-aħħar snin. Skont il-Ġnus Magħquda, fl-Afrika qed jinqatlu kull sena iktar iljunfanti milli jitwieldu.



## Daqshekk kaċċa

Ftit xhur ilu l-**Costa Rica** għaddiet liġi li biha l-kaċċa bħala passatemp saret illegali fil-pajjiż kollu. Il-Costa Rica pajjiż b'natura sinjura ħafna, u b'xorti tajba n-nies għandhom l-ambjent għal qalbhom ħafna. B'din il-liġi l-Costa Rica kompliet turi kemm tirrispetta n-natura. Prosit Costa Rica. Way to go!



## Ftit rispett

Dis-sena, **118-il gvern** qablu li jipproteġu seba' speċi ta' klieb il-baħar milli jinqabdu jew jinbiegħu. Mhux numru kbir meta tqis li hawn 143 speċi ta' *sharks* fil-periklu li jinqerdu. Imma huwa sinjal ċar li fl-aħħar il-pajjiżi qed jibdew juru rispett anke lejn dawn l-annimali li ma tantx għandhom fama tajba.



## Xi qrun dawk

Utah fl-**Istati Uniti** huwa magħruf għall-fossili ta' dinożawri li x-xjenzati l-ħin kollu jsibu fil-blat. Ftit ġimgħat ilu sabu fossili ta' speċi ġdida ta' dinożawru. Dan l-annimal għex xi 76 miljun sena ilu u ma' rasu kellu par qrun enormi li jġibu għira lil kull barri! Semmewh *Nasutoceratops titusi*.



## Ħmistax ġodda

Fil-**Brażil** instabu 15-il speċi ta' għasafar ġodda! Ħdax minnhom huma endemiċi għall-Brażil, u l-erbgħa l-oħra jinstabu wkoll fil-Peru u fil-Bolivja. Speċi minnhom hija tip ta' ċawla li diġà qiegħda f'periklu kbir li tisparixxi mid-dinja, Dan għaliex l-ambjent li tgħix fih qed jinqered mill-bniedem.



## Xaqq tama

L-Amur Leopard hija l-iktar razza rari ta' leoparda fid-dinja. Tgħix fil-wesgħat tal-lvant tar-Russja u ċ-Ċina. Sa ftit snin ilu fir-Russja għaddew b'kollox xi 25. Bis-saħħa ta' numru sabiħ ta' frieħ, in-numru fir-Russja issa jidher li tela' għal xi 50. Xorta hija *Critically Endangered*, imma forsi hemm xaqq tama!



## Ir-Russi qalu le

Ftit ġimgħat ilu kien kważi sar qbil internazzjonali li jitwaqqfu żewġ riservi naturali enormi (4,000,000km$^2$) fil-baħar madwar l-**Antartika**. B'hekk jiġu protetti balieni, pingwini, ħut, foki u krill mis-sajd u tniġġis. Imma r-Russja qalet le u sfaxxa kollox. Sur President Putin, biex tkun ambjentalist mhux biżżejjed tippoża ma' xi tigra, ta!



## Qatgħu qalbhom

Il-Monsanto, l-ikbar kumpanija fid-dinja ta' prodotti [1]ĠM, qatgħet qalba li tkabbar dawn il-ħxejjex fl-**Unjoni Ewropea**. Dan għaliex in-nies tal-UE huma fil-biċċa l-kbira kontra dawn il-prodotti, li ħadd ma jaf xi ħsara jistgħu jagħmlu fin-natura.

[1]ĠM. Prodotti GM (*genetically modified*) huma pjanti li xjenzati jkun bagħbsilhom fil-bijoloġija tagħhom. Ħafna nies huma kontrihom għax ħadd ma jaf xi ħsara jistgħu jagħmlu dawn il-prodotti fin-natura.



## X'nista' nara tgħid?

jikteb **Jason Aloisio**

# Għasfur ta' San Martin

**Common Kingfisher** *Alcedo atthis*


Victor Falzon

Għalkemm żgħir, żgur li hu fost l-isbaħ għasafar tal-passa li tista' tara, minħabba l-ilwien tiegħu. Jibda jidher minn daż-żmien tas-sajf, xi ftit jibqgħu fix-xitwa u jerġa' jidher fir-rebbiegħa. Għalkemm ir-riservi tal-Għadira u s-Simar, u s-Salini huma l-aħjar postijiet biex tarah, tista' tinzertah ukoll f'xatt il-baħar waqt li tkun qed tieħu xi għuma.

Tagħrfu kemm mill-kuluri tiegħu, kif ukoll mit-tisfira ħafifa li jsemma' ta' spiss. Għandu dehra partikulari: ġisem imbaċċaċ, denb qasir u ras kbira b'munqar goff u twil. Jiekol ħut żgħir u gambli mill-ilma, imma jiekol ukoll insetti bħal mazzarelli meta l-priża favorita tiegħu tkun nieqsa.

Il-bejta jħaffirha fil-ħamrija tal-ġnub tax-xmajjar, u tkun qisha mina twila sa 130ċm li twassal f'fetħa ovali. F'Malta ma jbejjitx.



It-tpinġija meħuda mill-ktieb **Għasafar Madwarna**, miktub apposta għat-tfal. Dal-ktieb jiswa €5 u tista' tixtrih mingħand il-BirdLife jew billi żżur ir-riservi naturali tal-Għadira jew Is-Simar.




Hemm għaqda jisimha **International Union for the Conservation of Nature**, jew **IUCN** fil-qosor. Kif juri isimha din hija għaqda li taħdem għall-ħarsien tan-natura fid-dinja kollha.

Waħda mill-affarijiet li tagħmel l-IUCN hi li żżomm ir-**Red List of Threatened Species**. Din lista ta' eluf ta' annimali u pjanti, fejn kull speċi titpoġġa f'kategorija skont kemm hija komuni jew rari fid-dinja. Hemm sitt kategoriji prinċipali, kull waħda iktar serja mill-oħra. Per eżempju r-rundun qiegħed fil-kategorija **Least Concern** (LC), jiġifieri m'hemmx inkwiet għax għadu komuni ħafna. Mill-banda l-oħra, il-kwagga (tip ta' żebra) qiegħda fil-kategorija **Extinct** (EX) għax m'għadhiex teżisti. Minn żmien għal żmien l-IUCN tirrevedi l-lista, u ċċaqlaq speċi minn kategorija għal oħra skont sarux iktar rari jew komuni. Sfortunatament ftit huma dawk li minn rari jsiru komuni, is-soltu tkun it-triq tan-niżla :(

S'issa r-Red List fiha xi 70,000 speċi imma n-numru dejjem jikber iktar ma jsiru studji u rapporti. Tistgħu ssibu l-lista onlajn hawnhekk **www.iucnredlist.org**

# Morna tajjeb...

Aron Tanti

Il-ħarġa fuq il-baħar tal-5 Lulju biex naraw iċ-ċief kienet suċċess bħas-soltu. Konna **xi 90 ruħ** imqassmin fuq żewġ laneċ u l-baħar kien kalm għalkemm mhux żejt. Id-dehra tas-sisien majestużi ta' Ta' Ċenċ jimpressjonawk anke mill-bogħod, aħseb u ara meta tidħol taħthom. Iċ-ċief ma naqasx, għax [1]raft wara oħra rajna **xi elf ċiefa** b'kollox. Kulħadd jittrombja u jieħu r-ritratti, waqt li dawn l-għasafar sbieħ itiru madwarna qishom erwieħ siekta. Ilkoll stennejna x-xemx tinżel, aħna l-bnedmin biex nogħxew bid-dehra, u ċ-ċief biex malli jidlam itiru lejn il-bejtiet sigrieti fis-sisien. Insomma, esperjenza bis-sens. Grazzi lil-Leaders kollha li mingħajrhom ma kinitx issir.



[1]**raft.** Grupp ta' ċief (jew tajr ieħor tal-baħar) li jpoġġi f'wiċċ l-ilma biex jistrieħ jew biex jistenna d-dlam ħalli jtir lejn il-bejta. Raft waħda jaf ikun fiha mijiet ta' għasafar.

# AVVIŻI







Il-**colouring book** li ħabbarnielkom fil-ħarġa li għaddiet qajjem ħafna interess! Dawn 4 mistoqsijiet li spiss staqsejtuna... u t-tweġibiet!

**M.** Il-ktieb għal min jidħol membru ġdid, jew anke għal min ikun diġà membru?
**T.** Għall-ewwel bdejna b'membri ġodda biss, imma tant kien hemm ġenn għalih li ftaħna wkoll għal dawk il-membri li jġeddu s-sħubija tagħhom fil-Klabb.

**M.** Nibża' li sa ma nasal biex inġedded, il-ktieb jilħaq jispiċċalkom. X'ħa nagħmel?
**T.** Tistenniex is-sħubija tiskadi. Fittex ġedded bil-lest minn issa għas-sena ta' wara.

**M.** Jekk inġedded bil-posta jew onlajn xorta nieħdu l-ktieb?
**T.** Iva. Nibagħtulek vawċer li tkun tista' ssarrfu fil-ktieb mill-Għadira jew Is-Simar, mill-iskola (primarja), minn attività tal-BirdLife jew mill-uffiċċju tagħna.

**M.** Nista' nixtrih?
**T.** Le, il-ktieb mhux għall-bejgħ. Qiegħed biss biex jingħata **b'xejn** lill-membri ta' Klabb Ħuttaf (jew Family Members).

# Intervista ma' Fjura




Bużbież il-Baħar
Sea Samphire

Victor Falzon

**Għaliex jismek Bużbież il-Baħar?**
Għax jien u l-bużbież kuġini, nixxiebħu ftit fil-fatt. U għax nikber ħdejn il-baħar.

**X'tip ta' ħabitat tħobb?**
L-aktar li nħobb xtut bil-blat u tifrik fejn inqabbad l-għeruq. Imma anke fir-ramel, ta.

**Inti pjanta rari?**
U le miniex xi rari, ta.

**X'tgħidli fuq il-fjuri tiegħek?**
Jien nagħmel il-fjuri fis-sajf u jkunu forma ta' bukketti. Jixbħu lil tal-kuġina l-bużbieża imma ma jkunux sofor daqs tagħha, ta.

**Iħobbuk xejn l-insetti?**
Iva, dejjem bin-naħal u ż-żnażan iduru miegħi.

**Veru, anke fir-ritratt jidhru. Allura għandek xi problemi?**
Sakemm ma jivvintawx xi proġett turistiku u jgħattu medda xatt oħra bil-konkos, ma tantx għandi x'ingorr, ta. Ħlief xi munzell faħam jikwi minn ta' xi barbikju!

**Nispera li le...**
Anke jien, imma għadek issib nies li jħanżru kull fejn imorru.

**Naf naf, xi nies ma jitgħallmux. Daqshekk għal-lum. Saħħa.**
Lilek ukoll ħi, u jekk tara bużbieża sellili għaliha.

# Jistiraw...

Intom tafu li l-friefet l-ewwel ikunu xgħat (*caterpillar*) imbagħad jagħmlu l-fosdqa (*pupa*) u minnha joħorġu friefet.

Ħafna insetti mhux hekk jagħmlu. Per eżempju l-ġurati meta jfaqqsu ma jkunux dud imma jkunu kopja żgħira tal-kbar. Bħalna l-bnedmin wara kollox! Imma l-insetti għandhom problema għax ġisimhom magħluq ġo qoxra iebsa. Meta ż-żgħar jibdew jikbru l-qoxra ma tikbirx magħhom. Tibda tiġihom dejqa! X'jaqbdu jagħmlu?








# ...u jitmattru

B'xorti tajba għandhom trikk tajjeb! Huma u jikbru, il-ġurati żgħażagħ kultant żmien irabbu qoxra ġdida taħt il-qadima, imbagħad il-qoxra l-qadima tinqasam u joħorġu minnha qishom qed jinżgħu xi kostum!

F'dawn ir-ritratti sbieħ li ħa seħibna Joe Vella naraw ġurata qed tagħmel l-aħħar tibdila, għax wara din ma tikbirx iktar fid-daqs.

Fir-ritratti tidher ukoll tifrex għall-ewwel darba l-ġwienaħ ġodda fjamanti. Issa barra li taqbeż tista' wkoll ttir!















arti

# Agħti kulur



Kamaleonti

Victor Falzon





Ibagħtulna t-tpinġijiet u r-ritratti li tieħdu tan-natura (mhux pets jew pjanti kkultivati) ħalli nġibuhomlkom f'dil-paġna. Basta jkunu veru tagħkom! Tistgħu tibagħtuhom bil-posta jew imejl.

**indirizz**
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
**imejl**
**il-huttafa@birdlifemalta.org**

*Materjal li tibagħtulna bil-posta ma nkunux nistgħu nibagħtuhulkom lura.

Żewġ ritratti li bagħtulna l-ħbieb tagħna l-aħwa **Elisa** (7) u **Mathias** (5) **Saliba**



Vjolett

Il-vjolett wieħed mill-mazzarelli li tfaċċaw Malta f'dawn l-aħħar snin. Jidher li qed jinfirex mhux ħażin.





Kamaleonti

## ARTITASKYA

Kartun ieħor ta' **Askya Pizzuto** (17)



Daqquqa tat-Toppu



Prosit Falko!

# Ħbieb Falkuni!

Ġà għamilna ħames attivitajiet mindu ktibtilkom l-ewwel darba f'*Il-Ħuttafa*. Ix-xewqa tagħna li l-imħabba għall-għasafar u għan-natura tikber qalb iż-żgħażagħ qiegħda sseħħ. Kull attività li jkollna qed insiru nafu membri ġodda li jkunu għadhom kemm issieħbu magħna, u hemm ukoll membri li s'issa ma tilfux attività waħda. Tant għandhom ħeġġa għall-attivitajiet li lanqas biss inkunu ħriġna l-magazin li jsaqsuna x'ikun imiss!

Xi jiem ilu morna sal-Imtaħleb biex nisimgħu ċ-ċief, u qisni għadni qed nisma' dak l-għajat speċjali tagħhom! Imma waqt li tkun qed tgawdi n-natura ma tistax ma jaqbdekx ftit dwejjaq ukoll. Dan meta taħseb f'kemm il-bniedem qed jagħmel deni u f'kemm in-natura qiegħda fil-periklu. Studju li qed tagħmel BirdLife Malta (parti mill-EU Life Project fuq it-tajr tal-baħar) juri li ċ-ċief m'għadux isib ħut x'jiekol fl-ibħra Maltin u qed ikollu jmur iżjed u iżjed 'il-bogħod. Waqt l-attività kien evidenti ukoll l-effett tat-tniġġis tad-dawl. Fejn jidhru l-irħula bid-dwal qawwijin tagħhom il-kwiekeb ma kinux jidhru. Dan l-istess dawl iħawwad lill-frieħ taċ-ċief u l-garni, li bi żball jinġibdu lejn l-art flok lejn l-baħar. Mhux tniġġis tad-dawl biss kien hemm, imma ħafna skart mormi minn nies bla rispett. Dan jiġbed il-firien li huma għadu kbir taċ-ċief għax jieklu l-bajd u jattakkaw il-frieħ.

Imma ma naqtgħux qalbna. Il-BirdLife qed tagħmel differenza kbira għall-għasafar Maltin u mhux se twaqqaf il-ġlieda kontra l-qerda ambjentali. L-istess jgħodd għalina tal-Falko. Bl-edukazzjoni u billi nżidu l-apprezzament għan-natura nistgħu nagħmlu ħafna ġid. Għalhekk inħeġġiġkom bħala membri tal-Falko u ta' Klabb Ħuttaf biex tieħdu ħsieb l-ambjent u tħeġġu lil sħabkom ukoll. Narakom għall-attivitajiet!

*Martin*

**Martin Austad**
Kordinatur






Rylan Patissier

Membri Falko waqt il-ħarġa fl-Imtaħleb igawdu l-ġmiel tal-baħar, is-sisien u x-xemx nieżla. Imma kien hemm ukoll il-kruha... dak l-iskart fir-rokna, li jħammeġ u jeqred l-ambjent naturali.

Il-**Falko** hija t-taqsima għaż-żgħażagħ ta' Klabb Ħuttaf. Il-membri li għandhom 13-il sena jew iktar awtomatikament isiru membri fil-Falko. Għalihom il-Falko torganizza attivitajiet apposta, li jitħabbru f'din il-paġna.

FALKO

# Berdwoċing ... Banju ... u Barbikju!

F'Awwissu tibda l-passa tal-ħarifa u l-għasafar jibdew jiċċaqalqu 'l isfel lejn l-Afrika. Dan il-fenomenu ta' kull sena aħna l-berdwoċers inkunu qed nistennewh b'ħerqa kbira. Għalhekk bix-xieraq li niċċelebraw ftit. L-ewwel ħa nidħlu fir-riserva tal-Għadira għal ftit berdwoċing, dak iż-żmien jitfaċċaw l-**għasafar ta' San Martin** u hemm ċans tajjeb naraw dan l-għasfur tal-ġenn. Wara naqsmu t-triq għal fuq ir-ramla biex naqbżu waħda l-baħar. Wara nagħmlu barbikju.



Nicholas Galea

**Ta' San Martin** jibda jpassi kmieni.

Data L-**Erbgħa 28 Awwissu 2013**
Niltaqgħu **5pm** quddiem ir-riserva tal-Għadira
Nispiċċaw **10-11pm**
Ġibu Ikel għall-barbikju • ilma • malja • xugaman • tromba jekk għandkom (il-barbikju f'idejna!)
Età **Falko 13+**

# Tnejn għal Tal-Priża

Jekk il-passa f'Awwissu tkun bdiet, f'Settembru tkun fl-aqwa tagħha! U fiż-żmien li jkun qed ipassi ħafna **tajr tal-priża** mhemmx post aħjar mill-Buskett! Fil-fatt ħafna minn Settembru l-berdwoċers akkaniti hemm iqattgħuh! F'jumejn minnhom qed nistidnukom tingħaqdu magħna nesperjenzaw din il-maġija tan-natura! Tinkwetawx xi ħaġa naraw żgur, għax jekk dakinhar ma jkunx hemm mijiet ta' tajr tal-priża ikun hemm xi qatgħa **qerd in-naħal** idur magħna, jew tinqala' xi qatgħa **kwakk**!



Raymond Galea

**KUĊĊARDA**
Tajra tal-priża komuni li tpassi minn Malta.

Dati It-**Tlieta 10 Settembru 2013**
Is-**Sibt 21 Settembru 2013**
Niltaqgħu **3pm** taħt it-Tinda, il-Buskett
Nispiċċaw xi **7.30pm** lura taħt it-Tinda
Ġibu ikel • ilma • beritta • dlik għax-xemx • żarbun tajjeb • tromba • kamera • nowtbuk biex tiktbu x'inkunu rajna
Età **Falko 13+**

Jekk tkun ġej ħarġa tal-Falko dejjem ibgħat email lil **falkoblm@gmail.com** jew ċempel **99214143 / 99809190**.



Joe Sultana

Elisabeth Conrad

# Ir-Ramla l-Ħamra



## Fejn hi?

Ir-Ramla l-Ħamra qiegħda fit-tramuntana ta' Għawdex, f'tarf ta' wied bejn ix-Xagħra u n-Nadur.

Issa li s-sajf daħal ġmielu, se nħarsu lejn waħda mill-bajjiet sbieħ tal-Gżejjer Maltin, u waħda kemmxejn partikolari. Din hija r-Ramla t'Għawdex, magħrufa wkoll bħala r-Ramla l-Ħamra.

Tinstab max-xatt tat-tramuntana ta' Għawdex, fit-tarf ta' sistema ta' widien. Ma tridx tħabbel moħħok wisq biex tinduna għalfejn tissejjaħ ir-Ramla l-Ħamra! Il-kulur ħamrani tar-ramel f'dan ix-xatt jiġi mill-blat li minnu jifforma. Dan huwa qawwi ta' fuq tat-tip li jgħidulu Għajn Melel.

## Ħabitat rari

Ir-Ramla hija importanti ħafna għan-natura f'Malta, għax hawnhekk insibu ħabitat rari ħafna f'Malta: l-għaram tar-ramel (bl-Ingliż *coastal sand dunes*). Dari kellna diversi nħawi bl-għaram madwar xtutna, però bil-ħafna żvilupp li sar mal-baħar, illum ftit li xejn baqa', u mill-ftit li fadal, ftit ħafna huma f'kundizzjoni tajba. Ir-Ramla l-Ħamra hija l-aħjar eżempju ta' għaram tar-ramel f'pajjiżna.

## Ħabitat diffiċli

Biex jiffurmaw l-għaram tar-ramel, hemm bżonn ħafna fatturi u kundizzjonijiet, inkluż provista stabbli ta' ramel, fetħa kbira biżżejjed ta' ramla (*beach*), u irjieħ li jonfħu f'direzzjonijiet partikolari għal ċertu tul ta' żmien.

Fejn ikunu jeżistu kundizzjonijet tajbin, biż-żmien tifforma sistema ta' għaram fi stadji differenti ta' żvilupp. Insibu per eżempju l-*embryo dunes*, li jkunu żgħar u bi ftit veġetazzjoni tikber fuqhom, u li huma l-ewwel stadju biex jiffurmaw dawk ikbar.

Iktar ma s-sistema ssir stabbli, iktar nibdew insibu għaram b'medda ta' vegetazzjoni ikbar, bħal per eżempju, fuq il *fixed dunes*. Fir-Ramla nsibu eżempju kważi komplet ta' dawn l-istadji differenti fl-iżvilupp tal-għaram tar-ramel.

Victor Falzon




1. Ramel mikxuf
2. Għaram ġodda (embryo dunes)
3. Għaram sodi (fixed dunes)
4. Il-Wied tar-Ramla, li jiżbokka fil-bajja



Parti minn għarma stabbilita mhux ħażin, tant li fiha kibru pjanti fosthom **pankrazju**, **xewk ir-ramel** u **tengħud tar-ramel**.



Waħda mill-isbaħ pjanti tar-ramel hija l-**pankrazju** (sea daffodil) jew **narċis il-baħar**. Tagħmel il-fjuri fis-sajf.

## Ħabitat sinjur

Kif tistgħu timmaġinaw, f'dan l-ambjent ma jonqsux l-ispeċi ta' interess, li diversi minnhom jgħixu biss f'dan il-ħabitat, u li għalhekk huma rari ħafna f'Malta. Fost il-pjanti nsibu t-**tengħud tar-ramel**, it-**tengħud tax-xatt**, in-**nefel tar-ramel** u l-**broxka ta' Għawdex**. Biex ikampaw f'dan l-ambjent, il-pjanti jkollhom bżonn karatteristiċi speċjali. Irridu niftakru li l-għaram mhumiex ambjent bhal ma ħa ssib f'xi ġnien; ir-ramel jiċċaqlaq, ir-raxx tal-baħar (bil-melħ li jġorr) jaffettwa l-pjanti, u ilma ħelu mhux li tant hemm. Pjanta li tmut jekk tintradam bir-ramel wara ġurnata riħ mhix tajba biex tgħix hawnhekk. Il-pjanti li jgħixu hawnhekk iridu jkunu kapaċi jkampaw maċ-ċaqliq tar-ramel, u kapaċi jsibu l-ilma ħelu, u għalhekk ikollhom għeruq li jinżlu fil-fond. Iż-żerriegħa tagħhom trid tkun kapaċi tinfirex malajr, biex pjanti ġodda jaqbdu f'qasir żmien. Għalhekk il-pjanti tal-għaram tar-ramel huma tassew speċjalizzati.

Ir-Ramla nsibu wkoll fawna ta' interess. Il-**grillu tar-ramel**, per eżempju, xejn mhu komuni fil-Gżejjer Maltin, u jinstab biss f'xi ambjenti tar-ramel max-xatt. Insibu wkoll speċi endemika ta' ħanfusa li ma tinstab imkien iktar fil-Gżejjer Maltin. U hemm diversi insetti oħrajn.

Ir-Ramla l-Ħamra mhux biss hija Sit Natura 2000, imma hija protetta b'liġi ta' skedar, li tħares postijiet ta' valur naturali jew storiku.

Guido Bonett



Il-**grillu tar-ramel** (burrowing sand cricket) tant hu rari li huwa protett b'liġi tal-Unjoni Ewropea. Bħal grilli oħrajn, iħobb iżarżar bil-lejl. Il-grillu tar-ramel iħobb iżarżar fid-daħla tal-ħofra tiegħu biex iż-żarżir jirbombja u jwassal iktar. F'pajjiżna jinsab f'xi tliet postijiet biss.



Victor Falzon

Ix-**xewk ir-ramel** (sea holly) jagħmel fjuri lelà u anke l-weraq jagħti ftit fil-blu.

Ir-Ramla l-Ħamra hija importanti wkoll għall-istorja. Fost affarijiet oħra, hemm **villa Rumana** midfuna fir-ramel, u minn żmien il-Kavallieri hemm **ċint mibni f'qiegħ il-baħar** u anke **fugass**. Fugass huwa speċi ta' kanun imħaffer fil-blat.



# Tridu?




## Ġedded sena oħra fi Klabb Ħuttaf
## u jkun tiegħek!

Aktar tagħrif f'paġna 6